MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2007

Citazzjoni Numru. 1024/1997/1

**Norman Bezzina**

**Vs**

**Joe Mifsud u Felix Agius bhala editur ezekuttiv tal-gurnal KULHADD**

## Il-Qorti

## Preliminari

Rat l-**att** tac-**citazzjoni** li permezz taghha l-attur ippremetta illi:

Peress illi fil-harga tal-gurnal KULHADD, tal-Hadd 4 ta' Mejju 1997 gie pubblikat fl-ewwel faccata artikolu intitolat TANGENTI F'SAN RAFFAELE (Dok. A), miktub mill-konvenut Joe Mifsud u pubblikat mill-konvenut l-iehor Felix Agius bhala editur tal-gurnal in kwistjoni gew attribwiti fatti determinanti li huma malafamanti fil-konfront ta' l-attur li jesponuh ghad-disprezz tal-pubbliku u li huma ntizi li jweggghu, jaggravaw jew ikissru r-reputazzjoni tieghu;

Peress illi l-konvenuti huma l-awturi tal-artikolu in kwistjoni u l-editur tal-gurnal imsemmi rispettivament;

Peress illi l-attur bhala parti malafamata u danneggjata, ghandu d-dritt ghad-danni kkontemplati fl-Artikolu 28 tal-Ligi ta' l-Istampa, Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta;

Jghidu il-konvenuti ghaliex ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti m'ghandiex;

1. tiddikjara u tiddeciedi illi l-pubblikazzjoni suriferita hija libelluza u malafamanti fil-konfront ta' l-attur u li tesponieh ghad-disprezz tal-pubbliku;

2. tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attur dik is-somma li tiffissa l-istess Qorti bhala danni b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28 ta' Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjez u bl-interessi legali kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 3 tal-process.

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti et** a fol. 11 tal-process fejn eccepew:

1. Illi l-pubblikazzjoni msemmija mhijiex libelluza fil-konfront ta' l-attur.

2. Illi l-fatti msemmija jikkonsistu f'rapurtagg gurnalistiku fidil u shih dwar kwistjonijiet ta' interess

pubbliku accettabbli f'socjeta' demokratika, kemm taht il-ligijiet ta' l-istampa kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Libertajiet Fundamentali u d-Drittijiet tal-Bniedem.

3. Illi noltre l-pubblikazzjoni msemmija tikkontjeni rapurtagg ta' intervista minn personagg involut fil-kwistjonijiet ta' interess pubbliku.

4. Illi noltre l-pubblikazzjoni hija koperta bil-privilegg a bazi ta' l-artikolu 12A u l-artikolu 33 (b) u (d) ta' l-Att X ta' l-1996.

5. Illi in kwantu l-artikolu jikkontjeni kummenti, dawn jikkonsistu f'*fair comment* dwar kwistjoni ta' interess pubbliku u huma accettabbli f' socjeta' demokratika kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-partijiet;

**Tikkunsidra**

Illi dina l-kawza u l-kawza numru 1023/97 nstemghu flimkien billi jittrattaw l-istess mertu ghalkemm f'pubblikazzjonijiet differenti u l-provi f'dina l-kawza jiswew ghall kawza l-ohra li wkoll qed tigi deciza llum.

Il-Qorti a skans ta' ripettizzjoni taghmel riferenza ghall-konsiderazzjonijiet maghmula u konkluzzjonijiet raggjunti fil-kawza l-ohra, li ghanhom jghoddu ghal dina l-kawza wkoll.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tichad it-talba ta’ l-attur
Bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------